MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2008

Talba Numru. 2/2007

**Edward Camilleri**

**Vs**

**Amanda Borg**

## It-Tribunal

Ra l-avviz tal-attur li bih talab li t-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallsu is-somma ta' hames mija u dsatax-il lira Maltin (Lm519) u cioe' ekwivalenti ghal elf mitejn u disa' Euro (€ 1, 209), dovuti bhala bilanc ta' prezz ta' 'diving sessions' u 'diving courses' li ghamlet Amanda Borg bejn il-15 ta' Mejju, 2006 u l-24 ta' Gunju, 2006 u spejjes ohra konnessi. Huwa ippremetta li l-konvenuta Amanda Borg giet mitluba thallas dan l-ammont permezz ta' ittra bonarja fid-9 ta' Awissu, 2006 u permezz ta' ittra ufficjali tas-7 ta' Settembru, 2006, pero' sallum baqghet ma hallset l-ebda ammont u ghalhekk kellha ssir din it-talba.

L-attur qed jitlob ukoll l-imghaxijiet u l-ispejjes komprizi dawk tal-ittra bonarja tad-9 ta' Awissu, 2006 u tal-ittra ufficcjali tad-9 ta' Settembru. 2006.
Ra r-risposta tal-konvenuta li eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-konvenuta m'ghandha taghti l-ebda flus lill-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra l-attur.

Ra x-xhieda ta' Edward Camilleri li xehed li hu ghandu 'diving centre' minn fejn jorganizza 'diving courses' u servizzi ohra ta' 'diving'. Il-konvenuta kienet marret ghandu ghaliex xtaqet taghmel xoghol tad-'diving instructor'.

Ighid li l-konvenuta kellha xi problemi finanzjarji u kien accetta li tattendi ghal dawn il-'courses' b'xejn , pero' mbaghad kellha tpattielu billi tghinu tul is-sajf. B'hekk kienet qed tghinu u fl-istess hin kienet tkun qed tiehu l-esperjenza u prattika ghall-'diving instructor'.

Kienet ghamlet zewg 'courses', pero' ma kienitx spiccathom. Darba kienet giet u hadet l-'equipment' sabiex tmur toghdos ma' haddiehor, izda qatt ma kienet marret lura u baqghet sejra bl-'equipment' b'kollox.

Kien ikkuntatjaha u talabha sabiex tirritorna l-affarijiet li kienet hadet, izda kienet qaltlu li kellha xi problema ma' terza persuna li kien joghdos maghhom. Baqghet twieghdu li kienet ser tmur taghtihomlu, izda meta ma marritx hu kien ha passi kontriha.

Jikkonferma li l-konvenuta kienet ghamlet il-'First Aid Course' u ir-'Rescue Course.' Jispjega li kien wasal ghall-ammont li fuqu kien qieghed ifittex lill-konvenuta, billi kkalkola d-drabi li kienet marret toghdos u x'korsijiet kienet ghamlet bl-ammonti relativi taghhom.

Ighid ukoll li l-ammont mitlub kien ukoll jinkludi hamsa u tletin lira (Lm35) u cioe' wiehed u tmenin Euro u hamsa u

hamsin centezmi (€ 81.55) ghal EFR Course, disghin lira Maltin (Lm90) u cioe’ mitejn u disgha Euro (€ 209) ghar-Rescue Course. Ighid li kien hemm ukoll inkluzi xi spejjes ghal xi transport, kif ukoll ghal xi ikel li gieli hallsilha.

Hu kkalkola li l-ammont kien circa ta’ sitt mija, sebgha u erbghin lira Maltin (Lm647) u cioe ekwivalenti ghal elf hames mija u seba’ Euro (€ 1, 507). U dan wara li kkalkola dak li kienet ghamlet mieghu u kif ghenitu, pero’ mbaghad kien qed jippretendi kumpens peress li l-konvenuta kienet telqitu u kienet hallietu f’sitwazzjoni fejn ma setax isib xi hadd minflokha.

Jispjega li l-konvenuta kienet tghinu ilibsu lin-nies id-‘diving kits’ u mbaghad kienu jmorru ‘diving’ u wara kienet tghinu jimlew ic-cilindri u jahslu l-apparat. Dan kien isir minn filghodu sa’ filghaxija.

Ir-rati li kien jzommilha ma kienux ir-rati li kien izomm lin-nies ohra. Hu kkalkola li kien jaghtiha zewg liri (Lm2) is-siegha u kkalkola ukoll li kienet tahdem saghtejn kuljum. Kien hemm xi ikel li kien hallsilha ukoll u b’kollox dawn kienu jammontaw ghal mija sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm126) u cioe’ ekwivalenti ghal mitejn, tlieta u disghin Euro, tmienja u hamsin centezmi (€ 293.58).

Ikkunsidra

L-attur  itenni li hu kien dahhal lill-konvenuta sabiex taghmel korsijiet tad-‘diving’ u sessjonijiet tad-‘diving’. Mill-provi jirrizulta li l-konvenuta kellha xi problemi finanzjarji tant hu hekk li l-attur kien accetta li tidhol ghal dawn il-korsijiet u sezzjonijiet b’rata anqas minn dik li jzomm issoltu.

Jirrizulta ukoll li kien hemm xi ftehim verbali bejn l-attur u l-konvenuta, li peress li kellha problemi sabiex thallas, kellha tghinu b’dawn il-korsijiet u fil-fatt ghamlet xi zmien tghinu fis-sajf, meta kienet tghinu bl-‘equipment’ u l-‘kits’, qabel ma n-nies kienu jmorru ‘diving’ u wara li kienu jlestu.

Ghalhekk, l-attur jispjega li kien wasal ghall-bilanc li kien qed jitlob minghand il-konvenuta fuq bazi ta' kemm il-darba kienet marret 'diving', il-'courses' li kienet attendiet, fosthom l-First Aid Course, l-EFR Course li kien jiswa' hamsa u tletin lira Maltin (Lm35) u cioe' wiehed u tmenin Euro u hamsa u hamsin centezmi (€ 81.55), kif ukoll ir-Rescue Course li kien jiswa' disghin lira Maltin (Lm90) u cioe' mitejn u disa' Euro (€ 209) . Bejn il-'courses' u d-'diving', kien hemm somma ekwivalenti ghal sitt mija sebgha u erbghin lira Maltin (Lm647) u cioe ekwivalenti ghal elf hames mija u seba' Euro (€ 1, 507).

Il-konvenuta ma resqet l-ebda provi, hlief li pprezentat ir-risposta taghha, minghajr ma ssostanzjat l-eccezzjonjiet taghha.

It-Tribunal, ghalhekk ghandu biss verzjoni wahda ta' kif sehhew il-fatti. Effettivament l-fatti li jirrizultaw huma fis-sens illi  kien hemm il-konvenuta li accettat li taghmel 'courses' u sezzjonijiet tad-'diving', izda sabiex tkun tista' thallas ghamlet zmien tghin lil-attur, minflok impjega lil xi haddiehor. Skond l-attur kien hemm ftehim li hu kellu jhallasha zewg liri (Lm2) u cioe erba' Euro u sitta u sittin centezmu (€ 4.66) is-siegha u kienet tahdem madwar saghtejn kuljum.

Il-konvenuta naqset li tikkontradixxi dak allegat mill-attur u fin-nuqqas, filwaqt li it-Tribunal jaccetta l-verzjoni tal-attur bhala verosimili. Fuq il-kalkolazzjonjiet tal-attur, il-konvenuta kkontribwiet circa mija sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm126) u cioe' ekwivalenti ghal mitejn, tlieta u disghin Euro, tmienja u hamsin centezmi (€ 293.58) ghal dak li jirrigwarda xoghol u dawn ghalhekk ghandhom jitnaqqsu mill-ammont dovut bhala spejjes inkorsi ghall-'courses', kif ukoll ghad-'diving'.

It-Tribunal jinnota ukoll li kien hemm madwar hamsin lira Maltin (Lm50) bhala spejjes ta' ikel u transport u dawn gew inkluzi fil-bilanc totali.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jordna l-konvenuta thallas is-somma ta' elf

mitejn u disa’ Euro (€ 1,209), u cioe’ ekwivalenti ghall-hames mija u dsatax-il lira Maltin (Lm519)  u dan bhala bilanc tal-prezz ta’ ‘diving sessions’ u ‘diving courses’ li ghamlet Amanda Borg bejn il-15 ta’ Mejju, 2006 u l-24 ta’ Gunju, 2006 u spejjes ohra konessi.  Bl-ispejjes kontra l-konvenuta kif mitluba u bl-imghax mill-24 ta’ Gunju, 2006.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------